MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 237/2010

**A B**

**-vs-**

**C D;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku; u**
**Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tat-2 ta' Settembru 2010 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri E D**

Il-Qorti:

Rat ir-ikors guramentat ta' A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-attur kellu relazzjoni estra-matrimonjali mal-konvenuta C D;

Illi tali relazzjoni, illi nbdiet ghall-habta ta’ Gunju tas-sena 2006, giet terminata xi zmien ilu;

Illi nhar id-19 ta’ Frar 2008, fiz-zmien meta r-relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuta D, kienet ghadha fis-sehh, l-istess konvenuta welldet tifla, illi nghatat l-isem ta’ E D u giet registrata fl-Att tat-Twelid 757/2008 bhala bint missier mhux maghruf [kopja originali tal-imsemmi Att tat-Twelid, qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A];

Illi madanakollu, il-konvenuta D kienet dejjem tghid lill-attur illi l-imsemmija minuri hija bintu u fil-fatt, sakemm damet fis-sehh ir-relazzjoni estra-matrimonjali bejn l-attur u l-konvenuta D, il-minuri E D giet imrobbija bhala bint l-attur;

Illi b’danakollu, wara illi giet terminata l-istess relazzjoni estra-matrimonjali, il-konvenuta C D informat lill-attur illi l-minuri E D mhix bintu. Effettivament, l-attur mhux konvint minn din id-dikjarazzjoni tal-konvenuta, u wisq jibza’ illi din hija intiza unikament bhala att vessatorju fil-konfront tal-attur illi minn dejjem wera interess u kkontribwixxa ghall-bzonnijiet tal-minuri;

Illi f’kaz illi l-minuri E D hija, kif jemmen l-attur, bint l-istess attur, allura jkun fl-ahjar interess tal-istess minuri illi dina tigi registrata bhala bint l-attur skond il-Ligi;

Illi ghalhekk, l-attur jixtieq illi jittiehdu l-proceduri necessarji skond il-Ligi sabiex b’hekk tigi determinata r-relazzjoni ta’ paternita’ *o meno* bejnu u l-minuri E D, u f’kaz illi jirrizulta illi l-istess minuri hija bint l-attur, isiru l-korrezzjonijiet relattivi fl-Att tat-Twelid tal-minuri skond il-Ligi;

Illi dawn il-fatti kif hawn fuq dikjarati, huma a diretta konoxxenza tal-attur;

Ghalhekk l-attur qieghed jaghmel din il-kawza sabiex prevja dawk it-testijiet xjentifici illi dina l-Onorabbli Qorti tista’ tistieden lill-partijiet illi jissottomettu ruhhom

ghalihom, u prevja dawk l-ordnijiet u l-konkluzjonijiet illi dina l-Onorabbli Qorti jista' jidhrilha xierqa ai termini tal-Artikoli 100A u 149 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ahjar interess tal-minuri, f'kaz illi l-konvenuta hekk mistiedna, ma tissottomettix ruhha ghat-testijiet xjentifici relattivi, tigi stabbilita r-relazzjoni ta' paternita' *o meno* bejn l-attur u l-minuri E D, u f'kaz illi jirrizulta illi l-istess minuri hija bint l-attur, tigi ordnata d-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid relattiv;

Ghaldaqstant, l-intimat jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tordna ossia tistieden lill-konvenuta sabiex tissottometti ruhha ghat-testijiet xjentifici ai termini tal-Artikoli 100A u 149 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex b'hekk tigi stabbilita r-relazzjoni ta' paternita' *o meno* bejn l-attur u l-minuri E D, u f'kaz illi l-konvenuta, hekk mistiedna minn dina l-Onorabbli Qorti, tonqos illi tissottometti ruhha ghall-imsemmija testjiet xjentifici, taghti dawk l-ordnijiet u tasal ghal dawk il-konkluzjonijiet illi jidhrilha xierqa ai termini tal-Artikoli 100A u 149 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ahjar interess tal-minuri;

In vista tar-rizultanzi tal-ewwel talba, tiddikjara jekk hemmx relazzjoni ta' paternita' jew le bejn il-minuri E D u l-attur u f'kaz illi jirrizulta illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri E D, tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa l-korrezzjonijiet necessarji fl-Att tat-Twelid Numru 757/2008 billi l-kelmiet "*Missier Mhux Maghruf*" fil-kolonna intestata "*Isem il-Missier*" jigu sostitwiti bil-kelmiet "*A B*" u billi jizdied fil-kolonni rigwardanti "*Taghrif Dwar Missier it-Tarbija*", isem u kunjom l-attur, il-professjoni, l-eta' u l-konnotati dwar fejn l-istess attur twieled u joqghod, u dwar missier l-attur, b'mod illi t-tarbija E D, tigi, f'dik l-eventwalita', iddikjarata bint l-istess attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi jigu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tat-2 ta’ Settembru 2010 li permezz tieghu inhatru Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri E D.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi subordinatament, l-esponent jistqarr li m’huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f’dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi bla hsara ghall-premess, l-esponenti jinvita lill-istess rikorrenti sabiex permezz ta’ nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita’, (3) l-eta’ tieghu meta twieldet it-tifla, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta’ residenza tieghu meta twieldet it-tifla, (6) isem u kunjom ta’ missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid numru progressiv 757 tas-sena 2008;

Illi bla pregudizzju ghas-surriferit, il-partijiet kontendenti jridu ukoll jiddeciedu liema kunjom ha tassumi l-imsemmija minuri E fl-eventwalita’ li tintlaqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti. Dan qed jigi rilevat in ottika tal-Artikolu 92 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggjettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat li ghalkemm debitament notifikati dawn ma pprezentaw ebda twegiba.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Jannar 2011, fejn il-Qorti awtorizzat lil C D biex tipprezenta r-risposta taghha fi zmien ghoxrin jum. Madanakollu, din ma rrispondietx.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Permezz ta' din l-eccezzjoni, l-imsemmi Direttur qed jilqa' ghall-kawza tal-attur billi jsostni li dan imissu, qabel ma ntavola dawn il-proceduri, agixxa a tenur tal-Art. 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Art. jipprovdi fil-fatt illi:

"*Izda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-eta' ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-registrazzjoni jew jibqghu ma jwegbux fiz-zmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-Qorti tiddikjara li min jaghmel it-taghrif ikun missier it-tifel u tordna r-registrazzjoni ta' dak it-taghrif fl-atti ta' l-stat civili relattivi.*"

Ma rrizulta lil din il-Qorti mkien fil-provi prodotti illi l-procedura tal-ittra ufficjali kif rikjesta mill-fuq imsemmi Art. 86 giet segwita.

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez jithallsu minn A B.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------